**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU DISA' U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2007 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skuzati : | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Mistoqsijiet
4. Approvazzjoni Balance Sheet 2006/2007
5. Ilmenti
6. Rapport Kumitat Konsultattiv
7. Senglea Nursery
8. Tenders Ground tal-Football
9. Kuntratt Knis / Bulky Refuse
10. Pjazza Juan B. Azopardo
11. Tigdid ta' Insurance tal-Kunsill 2007 / 2008
12. Litter Bins ghax-Xatt
13. Manutenzjoni u Xogholijiet madwar l-Isla
14. Notifiki ta' Kontravenzjonijiet
15. Latrini tal-Ponta
16. Programm Marsovin Gardjola
17. Attivita' fix-Xatt
18. Approvazzjoni hlasijiet ta' pagamenti

### 39(1) Approvazzjoni tal-Minuti laqghat 38 - 39

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva il-minuti tal-laqgha nru 38 kif prezentati. Il-Kunsillier Charmaine Gerada astjeniet billi il-minuti waslu ghandha is-Sibt u ma kellhiex il-hin li taqrahom.

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-minuti tal-laqgha tal-Kunsill nru 39 kif prezentati. Il-Kunsillier Charmaine Gerada astjeniet ghal-istess raguni msemmija qabel, li ma kellhiex hin biex taqrahom billi dawn il-minuti waslu ghandha is-sibt filghodu.

### 39 (2) Komunikazzjoni

Is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-regolament tal-procedura biex il-komunikazzjoni u il-mistoqsijiet jithallew ghal-ahhar tal-laqgha minhabba li hemm items fuq l-Agenda li huma ta' aktar importanza. Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni.

### 39(4) Approvazzjoni Balance Sheet 2006 / 2007

Billi kien hemm xi arrangamenti fil-Balance Sheet li kienet prezentata xi gimghat ilu, l-accountant tal-Kunsill fissret it-tibdil li sar u ghala sar, minhabba tibdil ta' hlasijiet pendenti dovuti lil Kunsill, kif ukoll wiegbet ghal mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kunsill.

Ghalkemm il-Kunsill ghalaq is-sena finanzjarja b'surplus dan huwa inqas mill-10% mehtieg meta tqis il-bilanc net.

Pero il-Kunsill ghandu pjan biex sa Marzu 2008 ikun konformi ma dak li hu mitlub li jaghlaq is-sena finanzjarja b'surplus ta' assi ta' 10%.

Ir-rapport ta' l-awditur gie skond din l-ahhar balance sheet u ir-rapport finanzjarju 2006 / 2007 intbaghat lil dawk kollha koncernati.

Kien hemm ammont ta' flus dovuti lil Kunsill mill-Kumitat tar-Riabilitazzjoni li ilha tidher fuq il-kontijiet tal-Kunsill ghal zmien twil. Din tmur lura ghal tlett snin ilu meta kull Kunsill f'dan il-Kumitat kellhu ghad-dispozizzjoni tieghu Lm5000 biex jaghmel progetti fil-lokal. Dan l-ammont (Lm549.39) huma flus li ma ntefqux. Il-Kunsill qabel li dawn jigu mnehhija minn fuq il-kotba tal-Kunsill.

**39 (5)** **Ilmenti**

**58/07** **Twahhil ta' airconditioner**

Billi il-Kunsill ma rcieva l-ebda avviz mill-Mepa, il-Kunsill sejjer jiccekja dwar dan.

**59/07** **Grieden fl-iskola primarja Don Mauro Inguanez**

Il-Kunsill qabel li dan l-ilment ghanda tittiehed azzjoni fuqha minhabba is-sahha tat-tfal.

**62/07** **Hrug ta' ilma car quddiem Bandari Store**

It-talba saret

**65/07** **Siringi fejn l-iskola primarja**

Diga ittiehdet azzjoni mill-Pulizija.

**67/07** **Zebra Crossing fejn il-banka tal-lottu fi Triq il-Vitorja**

Nikkonfermaw ma l-ADT dwar dan l-ilment, kienx hemm aktar talbiet ghal dan.

**68/07** **Ilmenti Xatt ta' l-Isla (Double Yellow Lines, Hsara Latrini.)**

Sejjra issir

**69/07** **Mgieba hazina minn zghazagh fix-Xatt ta' l-Isla**

Sar kuntatt mal-pulizija tad-distrett biex isir aktar patrol.

**70/07** **Hmieg bejn is-Suez Canal u il-Meteor Bar**

Ittra lil Kunsill Lokali ta' Bormla dwar iz-zibel f'din it-triq

**73/07** **Loghob ta' ballun fuq iz-zuntier ta' San Filippu / Barrier fi Triq iz-Zewg Mini.**

Din hija problema li dwara saru diskussjonijiet mal-knisja jekk nistghux naghmlu xi haga. Dwar il-barrier ser niehdu parir mill-ADT.

**76/07 Ilment mill-Vici Sindku fuq Alfred Azzopardi (Bulky Refuse)**

Hemm item fuq l-Agenda ghad-diskussjoni dwar dan (Bulk Refuse Collection)

**81/07 Sinjali ta' Toroq Triq iz-Zewg Mini**

Qed tigi kkunsidrata li ssir zebra crossing fi Triq iz-Zewg Mini.

**84/07 Road Markings fi Triq iz-Zewg Mini**

Saru

**85/07 Shelters li jinsabu gewwa l-Isla**

Il-Vici Sindku informa lil Kunsill li fuq suggeriment tal-Kunsilliera Charmaine Gerada iltaqghu ma wiehed li jista' jghin fuq dawn ix-shelters, fejn naraw jekk hemmx fondi mill-Unjoni Ewropeja.

**86/07 Hasil ta' skips**

**87/07 Kaxxa ta' Dizabilita Triq ix-Xatt J.B. Azopardo**

Biex tinghata zebgha mill-gdid li qedghha quddiem l-Enchante Restaurant.

**88/07 Mera fi Triq San Guzepp kantuniera ma Triq il-Habs l-Antik**

Din il-mera mhux possibli li ssir f'dan il-post.

**39 (6) Kumitat Konsultattiv**

Is-Sindku qara rapport dwar Jum l-Isla u li fuqu kien hemm diskussjoni fil-Kumitat Konsultattiv. Kopja mehmuza.

**39 (7) Senglea Athletics FC (Nursery)**

38 (7) 1 Is-Sindku ipprezenta il-proposta tas-Senglea Athletics Nursery ta' kif ghandu jitmexxa il-Ground tal-Football 5 a side wara li dan ikun lest.

39 (7) 2 Is-Sindku qara rapport tas-Segretarju Ezekuttiv fejn ta il-pariri tieghu dwar din il-proposta msemmija mis-Senglea Athletics Nursery (kopja mehmuza).

Il-Kunsill qabel li jmexxi fuq il-pariri tas-Segretarju Ezekuttiv u li jinholoq board ta' tmexxija imwaqqaf mill-Kunsill b'partecipazzjoni ta' dawk kollha indikati.

**39 (8) Tenders Ground tal-Football**

Minn dak li gie prezentat mis-Senglea Athletics FC Nursery, dawn ghandhom fehma u parir kif ghandu jsir il-ground tal-football.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li dan il-ftehim ghandhu jingieb ghall-attenzjoni tal-Kunsill biex jigi verifikat ghal xiex qed jirreferi u x'hemm bzonn li jsir.

Sadanitant il-Kunsill sejjer ifittex li jiehu parir minn Kunsilli ohra li dahlu ghal xoghol bhal dan ghal bini u kostruzzjoni ta' 5 a side football pitch flimkien ma interessi pivati.

**39(9) Kuntratti knis / bulky refuse**

Il-Vici Sindku Walter Ahar hass li kellhu kunflitt ta' interessi u ghalhekk hareg il-barra mill-laqgha (Hin: 8.45pm)

Is-Sindku Joseph Casha qara ittra (04/1456/07/I) mibghuta mis-Sur Alfred Azzopardi, il-kuntrattur li qed jahdem il-BR 04 u SCS 04. Is-Sur Alfred Azzopardi talab li jinhall mill-obbligi li ghandu ta' dawn il-kuntratti minhabba li ma setghax ikompli jahdem bil-haddiema li ghandu.

39 (9) 1 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, il-Kunsill approva it-terminazzjoni tal-kuntratti SCS 04 u BR 04 tas-Sur Alfred Azzopardi.

39 (9) 2 Fuq l-istess proposta il-Kunsill qabel wkoll li joffri dawn il-kuntratti lil min kien short listed fit-tieni post skond iz-zewg kuntratti jigi offrut dawn il-kuntratti skond il-kuntratt specifiku.

39 (9) 3 Dan kien ifisser li il-kuntratt tal-knis ta' toroq SCS 04 fit-tieni post kien hemm is-Sur Pawlu Cutajar. Filwaqt li fil-kaz tal-kuntratt ta' gbir ta' skart goff fit-tieni post kien hemm is-Sur Zahra.

Nota: Il-Vici Sindku Walter Ahar rega dahal ghal-laqgha (9.10pm)

39 (9) 4 Is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sindku ghandhom jaghmlu kuntatt ma dawn halli jaraw jekk dawn ghadhomx interessati li jidhlu ghal dan ix-xoghol u jekk jistawx jibdew joperaw mit-30 ta' Awissu 2007

39 (9) 5 Sadanitant il-kuntrattur prezenti is-Sur Alfred Azzopardi sejjer jibqa' jaghti is-servizz tieghu skond l-obbligi li ghandu sakemm jinstab ir-replacement ghalih.

**39 (10) Pjazza Juan B. Azopardo**

Il-bust ittiehed ghand l-iskultur Camilleri Cauchi biex isirulu tiswijiet li hemm mehtiega, imma dan jinsab taht pressjoni ta' xoghol. Huwa mahsub li jinghata lil xi hadd li jaghmel dan ix-xoghol.

39 (10) 1 Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li qabel dan il-bust jerga' jitqieghed isir rixtellu biex fejn hem mil-bust jinghalaq biex jigu evitati iktar atti vandali u abbuzi.

39 (10) 2 Ghaldaqstant il-Kunsillier Charmaine Gerada, issekondata mill-Vici Sindku Walter Ahar, ipproponiet li jsir dan ir-rixtellu u li ghal dan ix-xoghol jigu ivvutati madwar Lm600 kif gie stmat li jqum dan ix-xoghol.

Il-Kunsill approva unanimament.

**39 (11) Tigdid ta' l-assigurazzjoni tal-Kunsill 2007 / 2008**

Billi l-assigurazzjoni tal-Kunsill kienet sejjra tigi fi tmiema fl-ahhar tax-xahar ta' Lulju 2007, il-Kunsill iddiskuta din it-tigdida.

Din l-assigurazzjoni tkopri il-public liability, il-bini tal-Kunsill, kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill.

39 (11) 1 Il-Kunsillier Charmaine Gerada, issekondata mill-Kunsillier Louis Henwood, ipproponiet li din l-assigurazzjoni terga' tigi mgedda ghal sena ohra.

**39 (12)** **Litter Bins ghax-Xatt**

Il-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, ippropona li jinxtraw 10 bins ghal stima ta' madwar Lm350.

**39 (13)** **Manutenzjoni u Xogholijiet madwar l-Isla**

**39(14)** **Notifika ghal kontravenzjonijiet mhux imhallsa**

Il-Kunsill iddiskuta l-ittra ta' l-ufficjal awtorizzat fejn offra diversi soluzzjonijiet kif ghandhom jingabru il-multi mhux imhallsa ta' kontravenzjonijiet li ilhom li hargu. (ittra mehmuza)

Il-Kunsill qabel li jaghzel it-tielet proposta, dik li il-Kunsill lest li joffri 10% tal-flus li jidhlu mill-gbir ta' dawn il-multi.

Is-Segretarju Ezekuttiv sejjer jinforma lill-ufficjal awtorizzat tal-Kumitat Kongunt ta' LES.

**39 (15)** **Latrini tal-Ponta**

Minhabba vandalizmu li dejjem isir fihom, il-Kunsill huwa tal-fehma li dawn il-latrini jergghu jigu rijabilitati u jibdew jinfethu filghodu biss sa nofs inhar.

**39 (16)** **Programm Marsovin fi Gnien il-Gardjola**

Kif diga huwa maghruf il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-kumpanija Marsovin sejjer itella festival ta' muzika Jazz u ikel u xorb malti fil-Gnien tal-Gardjola. L-isponsors ewlenin huma il-Marsovin Winery.

39 (16) 1 Il-Kunsill sejjer joffri il-facilita' u l-uzu ta' Gnien il-Gardjola u tad-dawl. L-ispejjez l-ohra sejjrin ikunu kollha koperti mill-Marsovin Winery. Il-preparamenti huma ghaddejin sewwa u issa jonqos ftit ta' pubblicita'.

39 (16) 2 Sar qbil li il-Kunsill sejjer jitlob free ticket ghal-uzu tal-Kunsill.

**39 (17)** **Attivita' fix-Xatt**

Il-Kunsill qed jipproponi biex issir attivita' ta' kant mill-Band ta' Klinsmann flimkien ma kantanti ohra, fix-xatt fis-17 ta' Awissu 2007.

Huwa propost li din l-attivita' tibda' fis-7.30pm

39 (17) 1 Il-Kunsill huwa lest li jiffinanzja din l-attivita' Lm150 u PA System. Il-palk jintalab mill-MTA.

Kien hemm qbil unanimu.

**39 (18)** **Approvazzjoni ta' hlasijiet ta' pagamenti**

Il-Kunsill approva dawn il-hlasijiet.

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva il-hlas ta' Lm11,921.48.

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood approva il-hlas ta' Lm2,763.71

Il-Kunsillier Charmaine Gerada astjeniet mill-vot.

Il-laqgha tal-Kunsill ntemmet fl-10.13pm

It-tkomplija giet aggornata ghal data ohra.

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv

**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU DISA' U TLETIN (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar it-Tlieta 31 ta' Lulju 2007 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skuzati : | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AGENDA**

19. Approvazzjoni tal-Minuti
20. Komunikazzjoni mis-Sindku.
21. Mistoqsijiet
22. Approvazzjoni Balance Sheet 2006/2007
23. Ilmenti
24. Rapport Kumitat Konsultattiv
25. Senglea Nursery
26. Tenders Ground tal-Football
27. Kuntratt Knis / Bulky Refuse
28. Pjazza Juan B. Azopardo
29. Tigdid ta' Insurance tal-Kunsill 2007 / 2008
30. Litter Bins ghax-Xatt
31. Manutenzjoni u Xogholijiet madwar l-Isla
32. Notifiki ta' Kontravenzjonijiet
33. Latrini tal-Ponta
34. Programm Marsovin Gardjola
35. Attivita' fix-Xatt
36. Approvazzjoni hlasijiet ta' pagamenti

**39(2) Komunikazzjoni mis-Sindku**

39 (2) 1 Laqgha ma rapprezentanti Kummissjoni Festi Esterni Maria Bambina (18 ta' Lulju 2007)

Kellna laqgha ma rapprezentanti tal-Kummissjoni Festi Esterni dwar il-programm tal-5 ta' Settembru bi preparazzjoni ghal festa. Ghal laqgha kienu prezenti Andrew Cutajar, Victor Scerri, Joe Scerri, is-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv.

(Ittra 04/1535/07/I)

Ghamlu talba lil Kunsill biex inkunu ta' ghajnuna finanzjarja ghal programm li ser isir fi Pjazza 4 ta' Settembru. Iridu ghajnuna ghal kantanti, pulizija u tindif ta' wara inluz xi skips.

Is-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv ipproponew li il-Kunsill jkun jista' jghin jekk din l-attivita' tkun b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

Huma qablu ma dan u gie imwieghed li ghandha issir talba fil-Kunsill biex tigi ivvutata is-somma ta' Lm100 ghal din l-attivita'.

39 (2) 2 Ground tal-Football 5 Aside

Is-Sindku informa lil Kunsill li ingabar materjal u taghrif ta' kif hidma ta' Kunsilli ohra biex wettqu ground tal-football sintetiku fuq art devoluta mill-Gvern lil dan il-Kunsill.

L-ewwel pass li ghandu jsir huwa li ssir sejha ghal dawk interessati li jkunu jixtiequ jkunu parti minn dan il-progett (Sejjha ghal Letter of Intent). Wara isiru regoli kif dan il-ground sejjer jitmexxa kif ukoll ghandha issir bye-law dwar l-uzu ta' dan il-ground.

Saret laqgha mal-Perit Mifsud biex jithejja il-materjal halli il-Kunsill jkun jista' johrog sejha ghal Espressjoni ta' Interess.

39 (2) 3 Bacir Nru. 1

Tkellimna mal-Perit Lawrence Mintoff ukoll dwar il-progett Bacir nru. 1 peress li dawn tawna zmien tlett gimghat biex nirrispondu dwar l-oggezzjonijiet taghna. Huwa qal li l-ahjar li jsir appuntament ghal aktar spjega. Huwa ha jiehu hsieb dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv tkellem mieghu ukoll dwar certifikati li jonqos biex nithallsu mill-ADT.

39 (2) 4 Website tal-Kunsill

Is-Sindku gibed l-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv biex din terga' tkun updatjata ghax it-taghrif li hemm ma jirriflettix il-hidma li qed issir illum mil-Kunsill.

39 (2) 5 Agenda tal-Laqghat

Hemm bzonn li l-avvizz tal-laqghat tal-Kunsill permezz ta' l-Agenda jerga jibda jigi iccirkulat lill-ghaqdiet bill jingiebu fuq il-gazzetti u fuq in-notice boards tal-Kunsill.

39 (2) 6 Fuljett ta' kull xahar

Hemm bzonn li il-Kunsill johrog fuljett zghir ta' kull xahar biex juri il-hidma li tkun qeda issir ghall-anzjani u il-pubbliku kollhu tal-lokal.

39 (2) 7 Korrispondenza (12 ta' Gunju 2007 – 31 ta' Lulju 2007)

| | |
|---|---|
| 04/1351/07/I | Stedina ghall-laqgha mill-Assoccjazjoni Kunsilli Lokali ma l-Ecellenza Tieghu Arcisqof ta' Malta (21 ta' Gunju 2007) |
| | |
| 04/1366/07/I | Devoluzzjoni ta' Shelters<br><br>Reminder mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali biex il-Kunsill jibghat il-costings tieghu ghal din id-devoluzzjoni ghal memo 25/99. Sar kuntatt mal-Perit tal-Kunsill. |
| | |
| 04/1377/04/I | Talba mill-Ghaqda Sajjieda u Dilettanti biex juzaw is-Sala ghal-laqgha generali fid-29 ta' Lulju 2007 u biex jilqghu il-memberships bejn il-25 u is-27 ta' Lulju 2007. Il-Kunsill approva din it-talba. |
| | |
| 04/1380/07/I | Memo 14/2007 – Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar kif ghandu jittrata il-Kunsill fir-rigward ta' hmieg fit-toroq u fuq il-bankina. |
| | |
| 04/1397/07/I | Il-Kunsill irrisponda din il-Memo 12/2007 dwar PQ 24898 fuq taghrif kemm hallas vat il-Kunsill minn 1995 – Marzu 2007 |
| | |
| 04/1398/07/I | Qualicities. Is-Sindku ippropona lis-Sur Joe Scerri ghat-talba li saret mill-Qualticities bi preparazzjoni ghall-ahhar laqgha li ghandha issir fl-Ungerija. |
| | |
| 04/1402/07/I | Ringrazzjament mill-Kunsill ta' Southampton<br><br>Dwar il-laqgha li il-partecipanti kollha kellhom mas-Sindku |

| | |
|---|---|
| | Joseph Casha u il-Kunsill Lokali Isla. Dawn kienu qed jiehdu sehem fil-konferenza New Epoc (Mejju / Gunju 2007) |
| | |
| 04/1416/07/I | Attivita' Marsovin / Kunsill Lokali Isla<br><br>Il-Kunsill approva l-istedina tal-kumpanija Marsovin biex issir serata ta' Jazz u ikel u xorb malti fi Gnien il-Gardjola. |
| | |
| 04/1447/07/I | Laqghat tal-Kunsill – Memo 15/2007 mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar il-proceduri ta' kif ghandhom jigu msejha il-laqghat tal-Kunsill. |
| | |
| 04/1450/07/I | Process ta' l-Ewro Memo 16/2007 Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar kemm ghandu bzonn ewro il-Kunsill bhala cash flow ghal l-ewwel gimgha ta' Jannar 2008. Il-Kunsill wiegeb ghal din il-Memo. |
| | |
| 04/1455/07/I | Pjan ta' zvilupp regjonali ghal Port il-Kbir. Stedina mill-Partit Laburista biex fil-jiem li gejjin issiru laqghat u diskussjonijiet biex flimkien jitfassal pjan ta' zvilupp fil-Port il-Kbir. |
| | |
| 04/1458/07/I | Tnaqqis ta' Lm40 mill-allokazzjoni<br><br>Biex jithallas servizz ta' l-IT li qed jinghata mill-Ministeru Industrija u Teknologija (6 xhur Jannar – Gunju 2007) |
| | |
| 04/1465/07/I | Residents Parking Scheme<br><br>Il-Kunsill gie infurmat it-terms of reference li jrid japplika il-Kunsill ghat-talba li ghamel biex jidhol f'din l-iskema. |
| | |
| 04/1473/07/I | Rizenja ta' Segretarju Ezekuttiv is-Sur Alphonse Zammit.<br><br>Id-Dipartiment ghal Gvern Lokali qabel mal-proposta tal-Kunsill biex is-sur Alphonse Zammit jaggixxi bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv hekk kif itemm l-avvizz ta' tmiem l-impjieg fis-17 ta' Awissu 2007. Dan is-servizz sejjer jibqa' jinghata sakemm issir hatra ta' Segretarju Ezekuttiv iehor. |
| | |
| 04/1528/07/I | Proposta mill-Malta Labour Party dwar progetti proposti mill-Kunsill li jistghu jsiru flimkien mal-Gvern Laburista Gdid. Weghdu li jsiru tnejn minn dawn. |
| | |
| 04/1595/07/I | Il-Kunsill approva it-talba ta' Katia Bonello biex tuza is-sala fil-5 ta' Settembru 2007 ghal Birthday Party. |
| | |
| 04/1608/07/I | Ittra bl-avukat mill-Cachia and Assocciates dwar ix-xoghol li sar bil-Cold Asphalt fuq is-sur. Tkellimt mal-Perit fuq il-post u issugerixxa li naghmlu livell check ta' l-art imbad jirrakomanda x'isir. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1609/07/I | Ittra minghand Herbert Brincat f'isem ic-Cenacolo Community biex jaghmlu uzu minn Gnien il-Gardjola bhala fund raising activity. Dawn jixtiequ li tkun bhala complimentary. |
| | |
| 04/1613/07/I | Memo 11/2007 Dipartiment Gvern Lokali fejn intalab taghrif bhal popolazzjoni u Jum il-Lokalita'. It-twegiba intbaghtet. |
| | |
| 04/1649/07/I | L-ETC infurmat lil Kunsill biz-zewg kandidati (part 3) li huma eligibbli ghal post vacant ta' Segretarju Ezekuttiv. |
| | |
| 04/1652/07/I | L-arlogg ta' l-Isla.<br><br>Il-Kunsill gie infurmat li issa li id-dahla ghal dan l-arlogg giet miftuha ma hemmx ghalfejn ta' aktar kuntatti mal-Kunsill. |
| | |
| 04/1653/07/I | Stedina mill-Kunsill ta' Marie de Soleymieu fi Franza sabiex delegazzjoni mill-Kunsill ta' l-Isla izzur dan il-post bejn it-28 ta' Ottubru u it-3 ta' Novembru 2007. Huma lesti li jhallsu ghal akkomodazzjoni u l-ikel filwaqt li il-Kunsill ihallas il-flight. |

**39 (5) Ilmenti**

| | |
|---|---|
| **059/07** | Il-Kunsill qabel ma dan l-ilment |
| | |
| **058/07** | Billi il-Kunsill ma rcieva ebda avvizz mil-Mepa, il-Kunsill sejjer jiccekkja dwar dan. |
| | |
| **062/07** | It-talba saret |
| | |
| **065/07** | Azzjoni ittiehdet ga mill-Pulizija. |
| | |
| **067/07** | |
| | |
| **068/07** | Sejjra issir |
| | |
| **070/07** | Ittra lil Kunsill Lokali ta' Bormla dwar iz-zibel f'din it-Triq. |
| | |
| **071/07** | Dwar imgieba ta' certi zghazagh. Sar kuntatt mal-pulizija tad-distrett biex issir aktar patrol. |
| | |
| **073/07** | Ok |
| | |
| **076/07** | Hemm item fuq l-Agenda ghad-diskussjoni dwar dan (Bulky Refuse Collection) |
| | |
| **081/07** | Zebra Crossing fi Triq iz-Zewg Mini. Qed tigi ikkunsidrata. |
| | |
| **083/07** | Saret. |
| | |

| | |
|---|---|
| **085/07** | |
| | |
| **086/07** | Il-kuntrattur gie infurmat biex jsir tibdil ta' l-iskip mkisser biex wara jigi msewwi. |
| **087/07** | Triq l-Arkati biex issir bis-siment. |
| | |
| **088/07** | Din il-mera mhux possibli li ssir f'dan il-post. |
| | |
| **04/1609/07/I** | Mr. Joe Bray li joqghod Harbour Lights, 20, Triq is-Sirena qieghed jghid :<br><br>'Qed nikteb din l-ittra b'ilment li bhala residenti Sengleani nixtiequ nghaddu. Dan jirrigwarda il-fatt li f'rokna minn Triq is-Sirena, fejn hemm cint li jghati ghal fuq Triq l-Arkati qed tigi uzata hazin minn certu residenti irresponsabli bhala lok ta' skart. Dan qed johloq inkonvenjent ghalina u jista' jwassal ghal detriment ghal sahhitna. Dan ghaliex dan l-istess skart qed jithalla jiffermenta u jattira grieden, nemus u nsetti ohra u qed jimpedina milli anke semplicement nifthu tieqa ghall-arja.<br><br>Ghalhekk ahna nitolbuk biex din l-imsemmija parti tac-cint tigi maghluqa u titwahhal tabella b'avviz biex hadd ma jiddepozita l-iskart tieghu hemm. |